MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 109/2012

Kawza fil-lista: 41

**A B C**
**vs**
**D E F**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici fil-11 ta' Mejju 2012.

Rat l-elenku ta' dokumenti u l-lista tax-xhieda pprezentata mill-attrici.

Rat illi l-konvenut gie notifikat bir-rikors guramentat fit-28 ta’ Settembru 2012 izda ma pprezentax risposta guramentata.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi fir-rigward tal-kura u kustodja taz-zewg minuri**.

L-attrici tat ix-xhieda taghha f’seduta quddiem l-assitent gudizzjarju fit-22 ta’ Novembru 2012 u pprezentat l-affidavit taghha fis-27 ta’ Novembru 2012[1].

L-attrici resqet bhala xhieda lil Tracey Farrugia, oht l-attrici[2], lil Mary Grace C, omm l-attrici[3], lil Ruben Pace, il-kugin tal-attrici[4], lil Lindsay Gauci, kollega tax-xoghol tal-konvenut[5].

Il-maggorparti tal-provi jirrigwardaw ir-relazzjoni pjuttost turbolenti li l-partijiet kellhom matul is-snin. Dawn l-episodji jidher li gew fi tmiemhom biss meta l-konvenut telaq definittivament minn Malta ghal habta ta’ Gunju tas-sena 2012. Mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut gie lura Malta. Skond l-attrici illum il-konvenut jghix u jahdem gewwa l-Belgju.

Konsidrat illi l-konvenut ma jghix Malta, konsidrat illi l-minuri ilhom zmien sew jirrisjedu mal-attrici minghajr kuntatt mal-missier, il-Qorti hi tal-fehma illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tigi affidata esklussivament lill-attrici.

**Provi fir-rigward tal-manteniment ghaz-zewg minuri mill-konvenut**.

---

1 Affidavit a fol. 195
2 Affidavit a fol. 172
3 Affidavit a fol. 176
4 Affidavit a fol. 182
5 Affidavit a fol. 185

Mix-xhieda tal-attrici jirrizulta illi kemm ilhom il-partijiet ma jghixux flimkien il-konvenut ghaddielha biss zewg pagamenti ghall-htigijiet tal-minuri, pagament ta' hames mitt ewro li sehh fit-23 ta' Gunju 2012 u pagament iehor ta' mitejn u hamsin ewro fis-7 ta' Settembru 2012. L-attrici ipprezentat numru kbir ta' kontijiet u ricevuti rigwardanti l-ispejjez relatati mat-trobbija taz-zewg ulied minuri.[6] Minn dawn id-dokumenti jirrizulta illi fis-sena akkademika 2011/2012 l-attrici hallset ghal diversi spejjez relatati mal-edukazzjoni, mal-attivitajiet extra-kurrikulari, mas-sahha u max-xiri ta' hwejjeg fl-ammont ta' Euros 5,557.33.
L-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas nofs l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni u sahha taz-zewg minuri.

Inoltre l-attrici qed titlob li l-konvenut ihallas manteniment ta' Euros 150 fix-xahar ghal kull minuri sabiex jaghmlu tajjeb il-htigijiet ordinarji ta' kuljum taz-zewg minuri. Cifra li fic-cirkostanzi tidher li hi ragonevoli.

Dwar it-talba tal-attrici sabiex il-konvenut ihallas nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri, il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar prattiku li l-Qorti tiffissa somma globali li l-konvenut ihallas mensilment biex jaghmlu tajjeb ghall-htigijiet kollha tal-minuri. Tenut kont tal-provi migjuba il-Qorti ser tillikwida l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewg minuri fis-somma ta' tlett mitt ewro fix-xahar ghal kull minuri, b'kollox Euros 600 fix-xahar.

**Passaport tal-minuri**.

L-attrici spjegat illi l-passaport tal-minuri llum jinsabu skaduti u huwa mehtieg li tigi awtorizzata tapplika wahedha ghall-passaporti godda. Peress li l-kura u kustodja taz-zewg minuri ser tigi affidata lill-attrici it-talba tal-attrici fir-rigward tal-passaporti tal-minuri timmerita li tigi akkolta.

---

[6] Dokument Z ipprezentat fit-28 ta' Jannar 2013

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddeciedi din kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-kura u kustodja taz-zewg minuri G H F u I J F K tkun affidata esklussivament f'idejn ommhom, l-attrici A B C.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewg minuri is-somma ta' sitt mitt ewro (Euros 600) fix-xahar, u cioe' Euros 300 fix-xahar ghal kull minuri, u dan b'effett mill-20 ta' Gunju 2011, liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Il-manteniment tal-mainuri jibqa' jithallas anke wara li l-minuri jaghlqu tmintax-il sena u jekk jibqghu isegwu kors ta' studju *full-time,* u sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrien sena .

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi l-konvenut ghandu jkollu dritt ta' access adegwat versu z-zewg minuri. Il-modalita' tigi stabbilita' jekk u meta l-konvenut jaghmel talba fir-rigward.

4. Tilqa' r-raba talba u tordna li l-attrici tapplika wahedha, minghajr il-htiega tal-firma tal-missier, ghall-passaport Malti taz-zewg minuri u tawtorizza lill-attrici sabiex wahedha u minghajr il-firma tal-missier, tirtira z-zewg passaporti u zzommhom fil-kustodja taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------